***Ruling ex officio* mogħti mill-Ispeaker l-Onor. Anġlu Farrugia fis-Seduta 340 tat-8 ta' Ġunju 2020 wara rimarki indirizzati lis-Sedja mill-Kap tal-Oppożizzjoni dwar assenza ta' Membri mill-Parlament għal-raġunijiet ta' mard**

Is-Sedja ħasset il-ħtieġa li tagħmel din il-kjarifika wara li fis-Seduta Parlamentari. 339 tat-3 ta' Ġunju 2020, waqt id-diskussjoni dwar l-approvazzjoni tal-Estimi Finanzjarji tal-Awtorità dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol, il-Kap tal-Oppożizzjoni indirizza direttament lis-Sedja u qal hekk:

> "**ONOR. ADRIAN DELIA**: Jiġifieri ara hux qiegħed nifhem sew; ftit ġranet ilu ġejna ġo dan il-Parlament biex aħna għedna li għandu jiġi kkanċellat kuntratt ta' mitt miljun illi l-maħrub Konrad Mizzi, illi nfakkrek Sur President illi naħseb li għadu jirċievi ħlas minn din il-Kamra hux hekk? Issa l-*flights* mill-Ingilterra miftuħin. Issa Malta m'għandniex il-*virus*. Issa Malta *safe*. Però għadna nħallsuh lil dan, mhux mill-MTA, fejn konna nagħtuh €80,000, imma minn dan il-Parlament. U ma resaqx 'l hawn, Sur President! Naħseb taf int li ma resaqx 'l hawn biex iwieġeb għal għemilu, biex jgħidilna għalfejn iffirma kuntratt ta' mitt miljun."

Wara li kkonfermat mit-traskrizzjoni tal-istess seduta dawk ir-rimarki li ġew indirizzati lejha personalment mill-Kap tal-Oppozijjoni u ċjoè li l-Onorevoli Konrad Mizzi qiegħed ikun assenti mill-Parlament u li minkejja dan qiegħed ukoll jitħallas mill-Parlament, is-Sedja ħasset li għandha tagħmel din il-kjarifika.

Is-Sedja tibda billi tagħmel referenza għal dak li ġie rrappurtat fil-Minuti tas-Seduta 319 tal-21 ta' April 2020 li ġew konfermati mill-Kamra, fejn taħt it-titolu 'Attendenza' hemm indikat li:

> "L-Onor. Frederick Azzopardi, l-Onor. Silvio Grixti, l-Onor. Emmanuel Mallia u l-Onor. Konrad Mizzi kienu skużati.
>
> L-Ispeaker informa lill-Kamra li wara li s-Sedja qieset it-talba u rat iċ-ċertifikati [mediċi] mibgħuta mill-Onor. Konrad Mizzi, is-Sedja ordnat li l-Onor. Membru għandu jiġi rreġistrat bħala skużat fil-Minuti tas-seduti mit-13 ta' Marzu 2020 'il quddiem u għaldaqstant qed tordna l-korrezzjoni relattiva fil-Minuti tas-seduti ta' dawk il-ġranet."

Is-Sedja tagħmel referenza wkoll għall-Ordni Permanenti 158 li jitkellem dwar 'Membri bil-permess ta' assenza', liema Ordni Permanenti kien ġie emendat bil-Mozzjoni 368 tal-2016. Fid-diskussjoni li saret fil-Kamra fis-Seduta 421 tal-20 ta' Lulju 2016 u fis-Seduta 422 tal-25 ta' Lulju 2016, kemm fuq din il-Mozzjoni u l-emenda li tressqet għaliha, kif ukoll dwar emendi oħra li kienu tressqu għal Ordnijiet Permanenti oħrajn, is-Sedja tinnota li wara li ġiet eżawrita d-diskussjoni li fiha ħadu sehem Membri miż-żewġ naħat tal-Kamra, kien hemm vot unanimu tal-Gvern u tal-Oppożizzjoni favur din l-istess Mozzjoni u emenda.

Dan ifisser li kien hemm qbil assolut dwar dak li jipprovdi llum l-Ordni Permanenti 158, liema dispożizzjonijiet jorbtu kemm lill-Kamra kif ukoll lis-Sedja fit-tmexxija tal-istess Kamra. L-Ordni Permanenti 158 illum jgħid hekk:

> "158. Membru jiġi skużat mis-servizz tal-Kamra jew minn fuq kull kumitat tagħha sakemm ikollu permess ta' assenza mill-Ispeaker.

Dawk il-Membri li jkunu fuq xogħol tal-Kamra, tal-Grupp Parlamentari jew fuq xogħol uffiċjali tal-partit, u Ministri u Segretarji Parlamentari li jkunu fuq xogħol tal-Gvern, u Membri Parlamentari li jakkumpanjaw Ministru jew Segretarju Parlamentari fuq xogħol tal-Gvern barra minn Malta, ikunu mniżżla fil-Minuti tal-Kamra li huma skużati. Tkun ir-responsabbiltà tal-Whips li jieħdu ħsieb jinfurmaw lill-Ispeaker b'dawk il-Membri li għandhom ikunu mniżżla bħala skużati u għal liema raġuni.

Fil-Minuti għandha tinżamm distinzjoni bejn Membri li jkunu msiefra fuq xogħol tal-Parlament, tal-Gvern, tal-Grupp Parlamentari jew dak uffiċjali tal-partit.

Dawk il-Membri li jkunu morda jew ikunu suġġetti għal xi ċirkostanza straordinarja jkunu mniżżla fil-Minuti tal-Kamra bħala skużati u dan wara li jkunu ppreżentaw evidenza li tkun ġiet approvata bħala tali mill-Ispeaker."

Huwa għalhekk li meta tiġi ppreżentata lilha evidenza medika fir-rigward tal-assenza ta' Membru tal-Kamra, is-Sedja tistrieħ fuq din l-evidenza meta tiġi biex tiskuża lill-istess Membru milli jattendi għas-seduti.

Irid jingħad ukoll li f'każ ta' assenza fit-tul is-Sedja titlob għal aġġornament taċ-ċertifikat mediku li jkun intbagħat bħala evidenza. Dan sar fir-rigward tal-Onorevoli Konrad Mizzi kif ukoll ta' Membri oħrajn li ilhom ma jattendu għas-seduti minħabba raġuni medika.

Fir-rigward tal-kumment li issa l-*flights* mill-Ingilterra miftuħin, b'referenza għall-pajjiż fejn qed nifhmu li l-Onorevoli Konrad Mizzi jinsab minħabba raġunijiet mediċi, is-Sedja tinnota li t-titjiriet mill-Ingilterra mhumiex miftuħin. Fil-fatt skont l-avviżi maħruġa s'issa, fost il-pajjiżi li magħhom se jibdew it-titjiriet mill-1 ta' Lulju m'hemmx inkluża l-Ingilterra. Hawnhekk is-Sedja tixtieq iżżid li meta fil-Minuti rat li l-Onorevoli Mizzi jitniżżel bħala skużat, dan għamlitu abbażi ta' ċertifikati mediċi u mhux għaliex ma kienx hemm titjiriet. Is-Sedja tirrileva li dan huwa wkoll il-mod kif imxiet fil-konfront ta' Membri oħra tal-Kamra.

Jekk il-Kap tal-Oppożizzjoni huwa tal-fehma li għandu jkun hemm terminu speċifiku ta' assenza li anke meta jkun każ ta' mard, Membru tal-Kamra ma jibqax jitħallas l-onorarja li tispetta lilu meta tali terminu jinqabeż, is-Sedja tiġbed l-attenzjoni li hija l-Kamra li tista' terġa' tiddeċiedi li temenda l-Ordni Permanenti relattiv u mhux is-Sedja.

Għaldaqstant, sakemm dan ma jsirx, is-Sedja hija marbuta li tapplika l-provvedimenti tal-Ordni Permanenti 158 u ssegwi dak li ġie deċiż b'mod unanimu mill-Gvern u mill-Oppożizzjoni meta fl-2016 ġie emendat dan l-istess Ordni Permanenti.

Ir-ruling huwa deċiż.